MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 228/2014

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi il-kontendenti zzewgu nhar is-sebgha (7) ta’ Lulju elfejn u wiehed (2001) Dok A;

Illi l-kontendenti ilhom separati *de facto* minn ftit qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom ossija dak in atti tan-Nutar Dott Sandra Valentino datat tmientax (18) ta’ Marzu elfejn u disgha (2009) Dok B;

Illi l-manteniment kif patwit fil-kuntratt precitat dejjem thallas u ma hemm l-ebda problema dwar dan;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli illi ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi apparti li ilhom diversi snin jghixu separatament, presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;

Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kwesiti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta’ artikoli 66A *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Lulju, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Marzu 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------